# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 27

15 ta' Diċembru 2020

Is-seba' u għoxrin (27) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 27.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

27.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 27.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

27.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sitta u għoxrin (26) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

27.2.2. Il-Kunsillier VB ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

27.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 26.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta minn Transport Malta rigward l-isleeping policeman u s-sinjali fit-Telgħa tal-Kurċifiss u Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku wieġbet li ma kienx hemm risposta iżda tinsab informata li Transport Malta kienu qed jagħmlu xi eżerċizzju dwar il-parkeġġ. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

27.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 26.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-kwistjoni tal-Fosos. Is-Sindku wieġbet li ma kienx hemm risposta. Hija fakkret li kien hemm tranżizzjoni għal DSE ġdid u għalhekk il-materja ser tibda' titmexxa mis-sena li ġejja.

27.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 26.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-fanali ta' fuq il-Fosos. Is-Sindku qalet li l-eks DSE kien qed jaħdem fuqha u kien tkellem mas-Sur Lionel Gerada tal-MTA. Hija qalet li għandha titkellem mal-eks DSE sabiex tara xi żvilupp kien hemm.

### 27.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

27.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Camilleri li wera' x-xewqa li jingħata l-permess tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb in-niċċa tal-Madonna tad-Duluri u jagħmel it-tiswijiet neċessarji a spejjeż tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

27.3.1.1. Il-Kunsillier VB staqsa dwar id-donazzjonijiet ta' din in-niċċa. Is-Sindku wieġbet li ma jidrilix li kien hemm kaxxa tad-donazzjonijiet ħdejn din in-niċċa.

27.3.1.2. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel xi forma ta' kuntratt bejnu u bejn l-amministratur. Il-Kunsill qabel.

27.3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta fejn offrew lill-Kunsill jorganizza b'mod konġunt magħhom serata professjonali biex isellmu l-memorja tal-Professur Oliver Friggieri. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċediex €450.

27.3.3. Is-Sindku informat lill-Kunsill li kienet intalbet kwotazzjoni għal sistema ta' kameras tas-sigurtà fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li kien hemm trinek għaddejjin diġà minn fejn jistgħu jgħaddu l-konnessjonijiet neċessarji. Hija qalet li din is-sistema kienet neċessarja u anke proposta mill-Community Police sabiex ikunu jistgħu jissorveljaw iż-żona aħjar.

27.3.3.1. Il-Kunsillier VB staqsa dwar kif ser ikunu mqassmin il-kameras u jekk hux ser ikopru ż-żona kollha sabiex nassiguraw li ma jkunx hemm postijiet li ma jkunx hemm moniteraġġ sew. Is-Sindku qalet li l-kwotazzjoni mitluba kienet għal sittax-il kamera minħabba li l-kameras preżenti kollha jridu jinbidlu. Hija assiguratu li kienu ser ikunu qed ikopru ż-żona kollha.

27.3.3.2. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar l-aċċess għall-filmati. Is-Sindku wieġbet li l-aċċess ser ikun kemm fiżiku kif ukoll virtwali.

27.3.3.3. Is-Sindku żiedet tgħid li ser ikun hemm bżonn li jinxtraw ukoll arbli żejda fejn m'hemmx, sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu l-kameras. Il-Kunsill qabel.

27.3.3.4. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jieħu ħsieb jagħmel konnessjoni oħra tal-internet u dan minħabba kwistjoni ta' sigurtà.

27.3.3.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jitlob żewġ kwotazzjonijiet oħra skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsill.

27.3.4. Is-Sindku għamlet riferenza għal korrispondenza mibgħuta minn GCS Ltd. Is-Sindku spjegat li kien hemm kwistjoni fejn is-servizz mogħti mill-contracts manager tal-Kunsill matul l-ewwel xahrejn ma kienx wieħed soddisfaċenti u kien hemm xi ġranet fejn ma kienx ingħata servizz. Għalhekk id-DSE kien informa lill-kumpanija li l-Kunsill qed jirrifjuta li jħallas il-kontijiet mibgħuta għal dawk ix-xahrejn. Is-Sindku ressqet il-korrispondenza ta' GCS Ltd. fejn talbu li l-Kunsill jikkunsidra jħallas nofs l-ammont dovut. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba ta' GCS Ltd. u jħallas nofs l-ammont dovut.

27.3.4.1. Id-DSE informa li kien prepara wkoll time-sheet sabiex il-Contracts Manager-il ġdida tibda' tiffirma. Huwa qal li kien qed jintbagħat ukoll rapport kull ġimgħa.

27.3.5. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand impjegat tal-Kunsill għal għotja ta' qualification allowance. Il-Kunsill innota li t-talba kienet konformi maċ-Ċirkolari 23/2017 u għalhekk approva t-talba.

27.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Scientific Unit fi ħdan Ambjent Malta fejn informaw li ser jimplimentaw proġett biex jiżdiedu l-'green areas' fil-lokalitajiet. Il-Kunsillier VB propona li jsir xi turf fuq il-ħamrija sabiex tingħata dehra isbaħ lis-soft areas. Wara li kompla jiddiskuti, il-Kunsill qabel li l-kunsilliera jressqu l-ideat tagħhom sa nhar il-Ġimgħa.

27.3.7. Is-Sindku qalet li wara t-telfa tal-Prof. Oliver Friggieri, hi kienet proponiet li jsir monument fil-lokalità li jfakkar lil dan il-personaġġ importanti. Hija qalet li wara li tellgħet il-proposta tagħha fuq il-paġna soċjali tagħha, kien tħabbar li kien ser isir mafkar mill-Gvern Ċentrali. Hija qalet li kien inbeda' l-proċess fejn infetħu l-applikazzjonijiet u wara li jkunu vetted u l-proċess ikun finalizzat, il-Kunsill ikun jaf jekk il-monument hux ser isir fil-lokalità jew band'oħra. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienitx saret konsultazzjoni mal-Kunsill dwar fejn għandu jitpoġġa. Is-Sindku wieġbet li kienu għadhom qed jinfetħu l-applikazzjonijiet u li jkun l-artist li jiddeċiedi l-post u l-lokalità. Minkejja dan hi tħoss li la kien Furjaniż, kien bix-xieraq li l-monument isir fil-Floriana.

27.3.8. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Animal Welfare, Promotion and Services Directorate fejn informaw bi skema ta' neutering li qegħdin iniedu u offrew lill-Kunsill sabiex jipparteċipa. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-iskema u jara x'inhi l-proċedura.

27.3.9. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Avukat Victor Bugeja fejn ressaq offertà bil-miktub għan-nom tas-Sur Justin Haber, għall-kera tal-piċċ iż-żgħir, id-dressing rooms u l-uffiċċju, għal perjodu ta' għaxar snin.

27.3.9.1. Il-Kunsillier JAE qal li ladarba l-persuna kien lest jieħu ħsieb il-manutenzjoni u li l-offertà kienet ser tibbenefika l-edukazzjoni ta' wlied il-Floriana, allura ma kienx qed isib oġġezzjoni. Huwa qal li biss wieħed irid jara jekk legalment dan kienx possibbli. Il-Kunsilliera JP qablet mal-Kunsillier JAE u qalet li ma ssibx oġġezzjoni dejjem jekk il-liġi tippermetti.

27.3.9.2. Il-Kunsillier VB qal li m'għandux oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ma jkunx affetwat il-piċċ sintetiku il-kbir sabiex jibqa' jintuża mit-tfal tal-Floriana.

27.3.9.3. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill u mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jassigura ruħu li kien kollox konformi mar-regoli tal-procurement kif ukoll mal-liġi.

27.3.10. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li xi impjegati tal-Kunsill kien għad fadlilhom jieħdu xi siegħat ta' leave u dan minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' din is-sena mhux biss tal-pandemija iżda anke in-nuqqas ta' SE. Il-Kunsill approva li l-impjegati jġeddu s-siegħat li fadlilhom għas-sena ta' wara.

## 27.4 RAPPORTI

27.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 27.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

27.5.1. Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri.

## 27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

27.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

27.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 18/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

27.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

27.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru.

27.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-lista tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 27.8 Mozzjonijiet

### 27.8.1. MOZZJONI 1 – Triq imsemmija għal Prof. Oliver Friggieri

*Nitlob biex fil-laqgħa li jmiss jiskatta l-proċess biex triq f'Balzunetta, il-post fejn trabba, tkun imsemmija bħala Triq Oliver Friggieri. Din it-triq irridu nidentifikawha fid-diskussjoni tagħna li nittama li ssir fil-laqgħa li jmiss. Nipproponi wkoll li ssir irħama mal-post fejn trabba.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Minority Leader; Sekondant – Justine Palmier, Kunsillier)*

Is-Sindku nformat lill-Kunsill li jekk hemm qbil, irid jinbeda' proċess mal-iStreet Naming Commitee. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-kunċett u ma sabx oġġezzjoni li għandha tissemma triq għall-Prof. Oliver Friggieri. Kien hemm qbil li t-triq magħżula tkun f'Balzunetta, fiż-żona fejn trabba. Il-Kunsillier VB propona Triq l-Argotti d-dejqa, a bażi li hekk ma jkomplux jintilfu ismijiet ta' toroq bħalma ġara fil-każ ta' Triq San Kalċidonju. Il-Kunsillier JAE propona Triq il-Mall minħabba li l-Prof. Friggieri kien iqatta' ħafna ħin fi Ġnien il-Mall u għalhekk iħoss li l-għażla ta' din it-triq kienet tkun iktar ta' rikonoxximent u ġieħ. Dan anke għax l-isem tal-Mall ma kienx ser jintilef ladarba hemm Ġnien il-Mall. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jsemmi Triq l-Argotti ż-żgħira għall-Prof. Oliver Friggieri.

Fir-rigward tal-irħama proposta fil-mozzjoni, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dejjem jekk ikun hemm il-permess tas-sid eżistenti tal-binja. Il-Kunsillier JAE qal li kien diġà għamel kuntatt mal-familja tal-Prof. Friggieri sabiex tiġi identifikata l-binja fejn trabba.

### 27.8.2. MOZZJONI 2 – NO PARKING STICKERS

*Nitlob biex bħala Kunsill nerġgħu nagħmlu numru ta' stickers tan-No Parking li jkunu jistgħu jeħlu mal-garaxxijiet tar-residenzi fil-Floriana (ritratt mehmuż). Is-sinjali għandhom isiru kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliż.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Minority Leader; Sekondant – Justine Palmier, Kunsillier)*

Wara li ddiskuta din il-mozzjoni, il-Kunsill qabel li għandu jġib il-permess ta' Transport Malta peress li l-format kien standard, u jipproċedi minn hemmhekk.

## 27.9 PROĠETT KG5

27.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li x-xoghol tad-drenaġġ wasal biex jitlesta. Hija qalet li bħalissa ma kienx hemm supply min-naħa tal-ġnien minħabba li kienu qed jaħdmu fuq il-wiring tal-fanali ornamentali. Hija qalet li t-temp ma tantx kien ippermetta u kien għalhekk li x-xogħol waqa' ftit lura.

27.9.2. Is-Sindku nformat ukoll li kienet għadha qed tistenna min-naħa tal-Perit l-ispeċifikazzjonijiet għall-piċċ sintetiku u l-fencing sabiex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

## 27.10 MUDELL TA' ĠNIEN L-ARGOTTI

27.10.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand persuna li għamlet mudell ta' Ġnien l-Argotti kif kien fl-antik. Tali mudell seta jinxtara' għall-prezz ta' €354. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri dan il-mudell u jesibih fid-Dar tal-Kunsill.

## 27.11 FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLJU

27.11.1. Is-Sindku nformat li ż-żmien kien qed joqrob u għalhekk il-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni jekk għandux jagħmel ir-riċeviment tas-soltu sabiex jiċċelebera il-festa liturġika ta' San Publju.

27.11.2. Il-Kunsillier VB qal li kif inhuma l-affarijiet bħalissa, ir-riċevimenti kienu limitati fl-ammont ta' nies li jistgħu jingħaqdu f'daqqa u għalhekk iħoss li dan ir-riċeviment kellu jiġi pospost. Huwa propona li jekk is-sitwazzjoni tkun aħjar, għandu jsir fi żmien il-festa, f'April.

27.11.3. Il-Kunsillier JAE qabel mal-Kunsillier VB u qal li jkun aħjar jekk ir-riċeviment jiġi pospost fid-dawl tal-pandemija.

27.11.4. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 27.12 AVVIŻ LIR-RESIDENTI

27.12.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-borża il-griża, il-borża l-ħadra, u l-ħġieġ, ma kienux ser jinġabru dakinhar tal-Milied kif ukoll fl-ewwel jum tas-sena. Hija qalet li kien intbagħat avviż bieb bieb lir-residenti sabiex ikunu informati b'dan. Il-Kunsillier JAE talab li jingħata kopja tal-avviż sabiex ikun jista' jtellgħu fuq il-paġna ta' Facebook u fuq is-sit tal-Kunsill.

## 27.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

27.13.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.15pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar l-14 ta' Jannar 2020 fil-5pm.

**Is-Sindku DSH qalet li qabel ma tintemm il-laqgħa, xtaqet tieħu l-opportunità biex f'isem il-Kunsill u l-istaff, tawgura l-festa t-tajba lir-residenti kollha tal-Floriana.**

**Konfermati, illum ____________________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

Malcolm Agius
Deputat Segretarju Eżekuttiv